# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **1650/2022 (AD)**

## CREEK DEVELOPMENTS P.L.C. (C 50531)

**vs**

## INNOVATIVE FOODS LIMITED (C 76733)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors tas-soċjeta' Creek Developments plc datat tletin (30) ta' Novembru 2022, u risposta tas-soċjeta' Innovative Foods Limited datata sebgħa (7) ta' Diċembru 2022.

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar it-tletin (30) ta' Novembru 2022, is-soċjeta' Creek Developments plc, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, talbet lil din il-Qorti sabiex **iżżomm lis-soċjeta' intimata milli timblokka l-aċċess bil-vetturi,**

**żżomm kwalunkwe tip ta' attivita', u milli tkompli tarma kwalunkwe struttura, inkluż kwalunkwe struttura temporanja, fil-parkeġġ ta' Ta' Xbiex Marina li tinsab adjaċenti ma' Triq ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex**;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar it-tletin (30) ta' Novembru 2022 stess, appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-Ġimgħa, disgħa (9) ta' Diċembru 2022, ordnat in-notifika tar-rikors lis-soċjeta' intimata, u akkordat lis-soċjeta' intimata terminu sas-sebgħa (7) ta' Diċembru 2022 għar-risposta;

4. Permezz ta' risposta datata sebgħa (7) ta' Diċembru 2022, is-soċjeta' intimata opponiet għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub mis-soċjeta' rikorrenti, u dan għal diversi raġunijiet kif ser jiġi spjegat.

**Fatti tal-Każ u t-Talba tas-Soċjeta' Rikorrenti**

5. Jirriżulta mill-atti illi s-soċjeta' rikorrenti topera l-marina ta' Ta' Xbiex u l-aċċess għall-marina u għall-pontoons individwali huwa mill-parkeġġ ta' Ta' Xbiex Marina li tinsab adjaċenti ma' Triq ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex. Is-soċjeta' rikorrenti ġiet informata illi s-soċjeta' intimata kienet sejra torganizza attivita', ossia *Christmas Village*, f'dan il-parkeġġ bejn il-ħamsa (5) ta' Dċiembru 2022 u s-sitta (6) ta' Jannar 2023. Is-soċjeta' rikorrenti spjegat illi l-parkeġġ mhux adattat għal avveniment tal-massa u għal dak it-tul ta' żmien, stante illi l-istrutturi u l-massa ta' nies illi kien previst li jkun hemm, kien jippreġudika s-sigurta' tad-dgħajjes irmiggiati fil-marina u lin-nies li jgħixu fuqhom. Is-soċjeta' rikorrenti ssostni fir-rikors tagħha illi permezz ta' *e-mail* tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022, il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex informa lis-soċjeta' rikorrenti illi kienet ser issir l-attivita', illi l-organizzaturi kienu informaw lis-soċjeta' rikorrenti bid-dettalji tal-avveniment, u li kienu ser jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jibqa' jingħata aċċess għall-pubbliku u aċċess għat-trakkijiet tal-*fuel*. Is-soċjeta' rikorrenti tinsisti illi ma ngħatat ebda dettalji mis-soċjeta' intimata. Ftit jiem

wara, id-direttur tas-soċjeta' intimata kkomunika mas-soċjeta' rikorrenti u ppreżentaha bi skrittura ffirmata minnu filwaqt illi ma ssupplixxa l-ebda dokumenti uffiċjali li setgħu spjegaw fejn l-attivitajiet kienu ser iseħħu u *risk assessment* lli sar. Bejn it-tmienja u għoxrin (28) u t-tletin (30) ta' Novembru 2022, is-soċjeta' intimata allegatament imblukkat l-aċċess għall-parkeġġ suriferit u bdiet tarma l-istrutturi fil-parkeġġ imsemmi, iżda l-Kunsill ta' Ta' Xbiex ikkonferma illi ma kien ngħata ebda permess biex isseħħ l-attivita';

6. Is-soċjeta' rikorrenti tispjega fir-rikors tagħha illi f'każ riċenti ta' nar kellhom jidħlu ħames vetturi tat-tifi tan-nar f'daqqa għal dgħajsa ta' circa għaxar (10) metri li ħadet in-nar fil-marina tal-Imsida, apparti li f'każ ieħor kellha tidħol ukoll ambulanza. Hija ssostni illi fil-marina ta' Ta' Xbiex, li l-aċċess għaliha huwa biss mill-parkeġġ suriferit, hemm dgħajjes illi jaqbżu l-wieħed u għoxrin (21) metru, u għalhekk jaf ikun hemm bżonn ta' ħafna aktar minn ħames vetturi tat-tifi tan-nar f'każ ta' emerġenza, b'dana illi jekk il-mandat ma jiġix milqugħ, f'każ ta' emerġenza, is-soċjeta' rikorrenti ser issofri preġudizzju rriversibbli u rrimedjabbli stante illi ma jkunx possibbli illi s-servizzi tal-emerġenza u tas-saħħa joperaw mingħajr xkiel;

7. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' intimata tikkontendi illi, fil-konfront tal-aċċess bil-vetturi fit-triq pubblika, adjaċenti ma' Triq ix-Xatt, Ta' Xbiex u l-parkeġġ pubbliku, hija għandha rapport mal-Awtoritajiet kollha konċernati, u tinsab miexja konformament ma' direttivi fuqha imposti mill-istess Awtoritajiet. Hija ssostni illi minkejja illi mhux minnu illi bl-attivita' li s-soċjeta' rikorrenti qiegħda timblokka xi aċċess, is-soċjeta' rikorrenti m'għandha ebda dritt, lanqas *prima facie,* fuq it-triq imsemmija jew fuq il-parkeġġ. In oltre, is-soċjeta' rikorrenti tinsisti illi kwalsiasi riserva li setgħet talvolta kellha s-soċjeta' rikorrenti, kellha tiġi indirizzata lill-Awtoritajiet konċernanti li għandhom is-setgħa jirregolaw l-aċċess pretiż mis-soċjeta' rikorrenti, u għalhekk il-mandat mitlub mhux meħtieġ. Is-soċjeta' rikorrenti targumenta illi din il-proċedura saret inutilment, stante illi l-istrutturi neċessarji għall-attivita' in kwestjoni huma diġa' installati, u illi t-talba tas-soċjeta' rikorrenti in kwantu tagħmel referenza għal *"kwalunkwe tip ta' attivita'"* b'mod

ġeneriku hija talba vessatorja għall-aħħar, stante illi dak illi qed jintalab mis-soċjeta' rikorrenti huwa sabiex din il-Qorti tirrestrinġi b'mod gratuwitu l-użu ta' spazji pubbliċi mill-pubbliku.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

9. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2022;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

11. L-Artikolu 873(1) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

12. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

    a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi s-soċjeta' rikorrenti għandha xi jedd *prima facie*;

    b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi s-soċjeta' rikorrenti qed tippretendi illi għandha;

c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob illi s-soċjeta' intimata tiġi inibita milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lis-soċjeta' rikorrenti fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

13. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[1]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

14. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[2]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li*

---

[1] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

[2] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

15. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[3]:

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

16. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mis-soċjeta' intimata hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta'

[3] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

17. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[4]

18. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **irrimedjabbli** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[5], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

---

[4] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

[5] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

19. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[6]*:*

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "**necessary**".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

20. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[7]

---

[6] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

[7] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et****,* Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

21. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża;

**A. <u>L-Ewwel Element</u>: <u>Is-soċjeta' rikorrenti għandu jkollha jedd *prima facie*</u>**

22. Din il-Qorti rat id-dokumenti illi ġew esebiti mill-partijiet, kemm mar-rikors u r-risposta rispettivi tagħhom, kif ukoll *seduta stante* waqt it-trattazzjoni tagħhom tal-mandat odjern;

23. Din il-Qorti tibda billi tosserva illi minkejja illi s-soċjeta' rikorrenti, fir-rikors tagħha, issostni illi s-soċjeta' intimata m'ottjenietx il-permessi relattivi sabiex tinżamm l-attivita' in kwestjoni, dawn il-permessi ġew esebiti mis-soċjeta' intimata bħala **Dok IF2** (permess maħruġ mill-Awtorita' tal-Artijiet) u **Dok IF5** sa **IF17** (permess maħruġ minn Transport Malta), filwaqt illi ġiet ukoll esebita mis-soċjeta' intimata applikazzjoni għal *no objection* tal-Awtorita' tal-Ippjanar (**Dok IF18**). Konsegwentement tqis din il-Qorti illi ġiet hekk sorvolata l-kwestjoni dwar jekk is-soċjeta' rikorrenti għandhiex il-permessi relattivi sabiex ittella' dan l-avveniment jew le;

24. Għal kull buon fini, u sabiex tkun ġusta anke mas-soċjeta' rikorrenti, din il-Qorti tosserva wkoll illi l-permessi huma datati tnejn (2) ta' Diċembru 2022, filwaqt illi l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar hija datata tletin (30) ta' Novembru 2022 (20:19:04). Huwa minnu għalhekk illi jirriżulta lil din il-Qorti illi l-permessi relattivi nħarġu <u>wara</u> illi ġie intavolat il-mandat odjern mis-soċjeta' rikjesti, u illi l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar ġiet sottomessa dakinhar illi ġie intavolat il-mandat filgħaxija; iżda madanakollu, dan ma jnaqqas xejn mill-validita' tal-istess permessi, b'dana illi din il-Qorti hija sodisfatta illi l-attivita' in kwestjoni hija koperta bil-permessi neċessarji, u illi dak illi kienet qed tallega s-soċjeta' rikorrenti fir-rikors u s-sottomissjonijiet tagħha mhuwiex preżentement il-każ;

25. Is-soċjeta' rikorrenti tesebixxi *Fire & Safety Evacuation Plan* (**Dok CD4**) u tagħmel referenza għall-fatt illi f'paġna 17 ta' dan id-dokument ġie mniżżel, *"The layout of the Christmas Village provides free access to a fuel bowser to supply fuel to the boats as required and even it allows free access to fire-engine or an ambulance should there [be] a need for such assistance and hence no hazard is foreseen in this regard."* Is-soċjeta' rikorrenti tqis illi l-fatt illi ser jitħalla aċċess għal vettura tat-tifi tan-nar u/jew ambulanza waħda jissostanzja t-teżi tagħha wara l-mandat odjern. Madanakollu, iżda, kuntrarjament għal dak minnha sottomess, din il-Qorti tqis illi l-fatt innifsu illi ġie dikjarat illi ser jingħata aċċess għal vettura tat-tifi tan-nar u/jew ambulanza, jirrendi kompletament infondat l-argument tas-soċjeta' rikorrenti. Il-fatt illi hemm aċċess għal vettura waħda awtomatikament ifisser illi effettivament ser ikun hemm aċċess għas-servizzi tal-emerġenza. Hekk kif issottomettiet tajjeb is-soċjeta' intimata fit-trattazzjoni tal-mandat odjern, fil-każ t'emerġenza, aċċess ta' wisgħa ta' vettura waħda huwa suffiċjenti, għaliex tali vetturi jaċċedu għall-post f'linja wara xulxin, u mhux biswit jew maġenb xulxin;

26. In oltre, is-soċjeta' rikorrenti tagħmel ukoll f'paġna 18 tal-istess pjan referenza għall-fatt illi hemm imniżżel illi, *"The organizers are refusing to have CPD assistance for this event and are taking full responsibility for such decision"*. Din il-Qorti tinnota, iżda, illi l-istess paragrafu jgħid, *"The venue in question is being certified as safe for the following reasons"*, u jindika l-klawsola indikata mis-soċjeta' rikorrenti bħala waħda minn dawn l-istess raġunijiet, presummabilment minħabba l-fatt illi s-soċjeta' intimata qed tassumi responsabbilita' għal kwalsiasi emerġenza li tista' tinqala'. Dan meqjus, iżda, il-fatt illi s-soċjeta' intimata qed tirrifjuta illi jkollha assistenza tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili preżenti, ma jfissirx illi f'każ ta' emerġenza ma titteħidx l-azzjoni kollha neċessarja, u difatti, l-*Event Risk Assessment* esebit mis-soċjeta' intimata bħala **Dok CD5** jikkonkludi bis-segenti osservazzjoni: *"It shall be the responsaibility of **the Organizers** to ensure [the] implementation of all the necessary Health and Safety Control Measures found within this Risk Assessment."*;

27. Finalment, din il-Qorti tinnota illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, kemm il-*Fire Safety and Evacuation Plan* (**Dok CD4**) kif ukoll l-*Event Risk Assessment* (**Dok CD5**) ġew redatti fit-tlieta (3) ta' Novembru 2022 u emendati fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2022, u cioe qabel inħarġu l-permessi relattivi. Il-fatt innifsu illi nħarġu l-permessi relattivi sabiex tinżamm din l-attivita' juri illi, *prima facie*, ma jidhirx illi s-soċjeta' rikorrenti għandha raġun. Is-soċjeta' rikorrenti qed tavvanta dritt t'aċċess u dritt ta' sigurta' fuq iż-żona fejn ser tittella' l-attivita, u s-soċjeta' intimata hija marbuta, fil-limiti tal-permessi relattivi, sabiex tipprovdi l-istess. Konsegwentement, għalhekk, ma jirriżultax illi s-soċjeta' rikorrenti għandha xi dritt *prima facie* x'tikkawtela, stante illi l-istess drittijiet qed jiġu diġa' kawtelati bil-permessi tal-Awtoritajiet konċernati;

28. Finalment, din il-Qorti tinnota wkoll illi, hekk kif ingħad aktar 'il fuq, il-mandat t'inibizzjoni huwa intiż sabiex jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk il-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le. Fil-każ odjern, din il-Qorti ma tistax tirriskontra xi forma ta' azzjoni ġudizzjarja illi tista' tiġi eżerċitata mis-soċjeta' rikorrenti fil-każ illi jintlaqa' l-mandat odjern. Għaldaqstant hija l-fehma ta' din il-Qorti illi li kieku kellha għall-grazzja tal-argument tilqa' t-talba odjerna, hija tkun qed tordna l-inibizzjoni ta' attivita' inutilment, bi preġudizzju, imbagħad, għad-drittijiet tas-soċjeta' intimata;

29. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tiddikjara illi **l-ewwel rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni ma ġiex mis-soċjeta' rikorrenti sodisfaċentement pruvat**.

## B. It-Tieni u t-Tielet Elementi

30. Hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, ir-rekwiżiti illi jeħtieġ jissussistu għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni huma kumulattivi u mhux alternattivi. Għaldaqstant, fin-nuqqas tal-ewwel rekwiżit sabiex tiġi milqugħa t-talba odjerna, il-Qorti għandha obbligu illi tiċħad it-talba kif dedotta, u sejra tastjeni milli tagħmel

indaġini dwar jekk jissussistux it-tieni u tielet rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub.

**Decide**

31. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talba kif dedotta għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tas-soċjeta' intimata.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-soċjeta' rikorrenti.

**Digriet kamerali mogħti llum, l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**